Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,231, 12 ta' Lulju, 2019

Taqsima B

A.L. 163 tal-2019

ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 5 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Ministru għas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 430.08.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara it-tifsira "distributur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "erbiċidi" tfisser prodotti għall-ħarsien tal-pjanti użati għal kontroll ta' pjanti mhux mixtieqa";.

Sostituzzjoni tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tnaqqis tal-użu jew ir-riskju tal-pestiċidi f'zoni speċifiċi.

11. (1) Id-Direttur għandu, filwaqt li jqis kif jixraq ir-rekwiżiti ta' iġjene u saħħa pubblika u l-bijodiversità meħtieġa, jew ir-riżultati ta' valutazzjonijiet ta' riskju rilevanti, jiżgura li l-użu tal-pestiċidi jkun minimizzat jew ipprojbit f'ċerti żoni speċifiċi. Il-pestiċidi għandhom jiġu applikati waqt il-perjodu ta' attività umana baxxa bħalma huwa matul il-lejl kif ikun meqjus l-aktar idoneju u jista' jiġi stabbilit f'dokument ta' gwida provdut mid-Direttur. Għandhom jittieħdu miżuri għall-immaniġġjar tar-riskju u użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjani u miżuri ta' kontroll bioloġiku għandhom jiġu meqjusa mill-ewwel. L-oqsma speċifiċi huma dawn li ġejjin:

(a) żoni użati mill-pubbliku ġenerali jew minn gruppi vulnerabbli kif hemm fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru. 1107/2009 kif implimentat mir-Regolamenti li jimplimentaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti, bħalma huma *parks* u ġonna pubbliċi, *grounds* tal-isports u tar-rikreazzjoni, artijiet u btieħi tal-iskejjel, bankini f'postijiet urbani, ċimiterji, *child care centres*, postijiet fejn jilagħbu t-tfal u qrib ta' faċilitajiet ta' kura medika;

L.S. 430.07.

(b) żoni protetti kif hemm fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma kif emendata u żoni oħrajn identifikati għall-għanijiet illi jiġu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ġħasafar Selvaġġi, ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u r-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar;

L.S. 549.100.

L.S. 549.42.

L.S. 549.44.

L.S. 549. 123

(ċ) żoni trattati reċentement użati minn jew aċċessibbli għall-ħaddiema agrikoli; u

(d) *roundabouts* u *central strips*.

(2) Erbiċidi ma' jistgħux jintużaw f'żoni elenkati fir-regolament (1)(a) u (1)(d):

Iżda meta jingħata parir mill-Bord għall-Kontroll tal-Pestiċidi, id-Direttur jista', jawtorizza l-użu kkontrollat ta' dawn l-erbiċidi għat-tneħħija ta' speċi invażivi soġġetti għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Siġar u l-Imsaġar u r-Regolamenti dwar Speċi Aljeni Invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni Ewropea, kif meqjus neċessarju.".

L.S. 549.44.

L.S. 549.123.

L.S. 549.119.